

# Ix-Xahar ta' Mejju



Mejju huwa x-xahar tal-ġonna,
Kollu fwejjaħ tal-fjuriet;
Iżda hu aktar speċjali,
Għax niftakru fl-ommijiet.

Fest' għażiża jixirqilhom,
Minn qlubna niddedikaw;
Għaliex huma wisq speċjali,
Lilna huma jindukraw.

Huma kienu tant ferħana,
Bit-twelid tagħna ċ-ċkejknin;
U hekk żgur jixtiequ jibqgħu,
Fil-mumenti li ġejjin.

Jieħdu gost jarawna nidħku,
Niġru, naqbżu bħall-farfett;
Joħorġuna u jdawruna,
U jixtrulna l-karawett.

Xi kultant aħna nweġġgħuhom,
B'xi għemil ħażin jew ġlied;
Għandu mbagħad jiddispjaċina,
Ħalli jfiġġ il-ferħ fl-ulied.

Meta nkorru jew nimirdu,
Trid tar'hom kemm jinkwetaw;
Bir-raġun għax iħobbuna,
U ta' dan nirringrazzjaw.

Jibagħtuna ndaf l-iskola,
Jixtiqulna l-aqwa ġid;
Iriduna edukati,
B'hekk nimxu dejjem id f'id.

Fid-djar huma jkollhom x'jagħmlu,
Ħidma sfiqa bla serħan;
Jaħslu, jnaddfu, anke jsajru,
Huwa nobbli dan il-għan.

L-ommijiet li tant jgħożżuna,
Bħalhom żgur ma nsibu mkien;
Għandna biss nirrispettawhom,
F'kull mument u kullimkien.

Bħal dik l-omm li tieħu ħsiebna,
Tul il-ħajja ta' din l-art;
Hemm omm oħra li tħarisna,
Mis-smewwiet, 'il bogħod mill-mard.

Din m'hi ħadd ħlief il-Madonna,
Omm Ġesu' ċkejken Bambin;
F'dan ix-xahar niċċelebrawlha,
Erba' festi ewlenin.

F'ta' Pompej aħna niftakru,
Nhar it-tmienja ta' dax-xahar;
Belt meqruda mill-Vessuvju,
Mill-ħażin ħareġ l-inwar.

Imbagħad fit-tlettax ta' Mejju,
Kellhom dehra tlett itfal;
Raw quddiemhom lill-Madonna,
Ġewwa belt fil-Portugal.

Dawn it-tfal kienu qed jirgħu,
Il-merħliet fuq il-għoljiet;
Il-Madonna ta' Fatima,
Għar-rużarju, issemmiet.

Nhar l-erbgħa u għoxrin ta' Mejju,
Festa oħra niċċelebraw;
Omm l-għajnuna tal-Insara,
Aħna għalik niddedikaw.

Dan ix-xahar ta' Mejju jagħlaq,
B'meta ommna tas-smewwiet;
Lil qaribtha Eliżabetta,
Hija żaret b'tifħiriet.

F'dan il-ħames xahar tas-sena,
Festi kbar niċċelebraw;
B'dedika għal ommijietna,
Li l-ġid tagħna biss jaraw.

Għalhekk jixraq li nitolbu,
Ir-rużarju lkoll flimkien;
Dik it-talba tal-Madonnna,
Li tiżboq kull fjur tal-ġnien.

Oh Madonna li tħarisna,
Int mudell tal-ommijiet;
Mexxihom fil-barka tiegħek,
Flimkien mal-missirijiet.

U biex nagħlqu l-poeżija,
B'dedika għalik mamà;
Sejrin inċapċpu ċapċipa,
Biex ngħidulek grazzi mà!



*Cynthia Camilleri Cauchi*